# 27 ta' Novembru, 1944.

## Imħallef :

## L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Gio Maria Dingli** *versus* **Vincenzo Camilleri et.**

## Separazzjoni Personali — Alimenti — Mara — Komunjoni ta' l-Akkwisti.

*Il-prinċipju ta' l-ineżiġibilità ta' l-alimenti arretrati mhux applikabili għall-każ meta l-kreditur ikun għamel li setà, imma ma rnexxielux, biex jithallas; u dan iżjed u iżjed meta huwa, biex jimmantna mod ieħor, għamel id-dejn.*

*Ir-raġel jista' jitlob l-alimenti kontra martu f'kawża li huwa jagħmel "ad hoc" biss. F'kawża ta' separazzjoni personali l-liġi taħseb għall-alimenti provviżorji għall-mara biss; u għalhekk meta f'kawża ta' separazzjoni personali l-Qorti tikkundanna lill-mara tħallas pensjoni alimentarja lir-raġel sakemm issir il-likwidazzjoni ta' l-akkwisti, mingħajr ma tgħid minn liema beni għandha titħallas dik il-pensjoni, għandu jiftiehem li dawk l-alimenti għandhom jitħallsu mill-beni ta' l-akkwisti, u mhux mill-beni partikulari tal-mara.*

L-attur fit-taħrika qal li b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tiegħu r-Re tat-28 ta' Mejju 1938, mogħtija fuq il-kawża fl-ismijiet "Carmela Dingli vs. Gio Maria Dingli", liema sentenza rriformat dik mogħtija minn din il-Qorti fit-22 ta' Novembru 1937 (dok. B), l-imsemmija Carmela Dingli ġiet kundannata biex tħallsu pensjoni alimentarja ta' £4 fix-xahar sakemm tkun ġiet likwidata l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' l-istess miżżewġin Dingli; li l-kawża relativa għal-likwidazzjoni fuq imsemmija għadha pendenti quddiem din il-Qorti; li bejn Ġunju 1940 u Diċembru 1943 hu kien imissu rċieva s-somma ta' £172, mentri illi huwa rċieva biss £39. 10. 0. u għalhekk huwa għadu kreditur fis-somma ta' £132. 10. 0. kif jirriżulta mill-prospett unit maċ-ċitazzjoni (dok. C); u li d-debitriċi mietet u għaddew aktar minn tliet snin mill-ġurnata meta s-sentenza ġiet mogħtija; u talab li, wara li tkun ġiet magħmula kull dikjarazzjoni neċessarja, u wara li jkun ġie mogħti kull provvediment li jkun hemm bżonn, huwa jiġi minn din il-Qorti awtorizzat biex jeżegwixxi s-sentenza fuq imsemmija tal-Qorti ta' l-Appell tat-28 ta' Mejju 1938.

ghas-somma fuq imsemmija ta' £132. 10. 0, kif ukoll gharrati ta' l-alimenti li ghad iridu jghaddu, u dana kemm ghaliex ghaddew aktar minn tliet snin mill-gurnata meta giet moghtija s-sentenza fuq imsemmija, kif ukoll ghaliex id-debitrici mietet. Bl-imghax legali, u bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine;

L-imharrkin wiegbu li l-alimenti arretrati ma humiex dovuti; u li in vista tal-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti ma jistax ikollu kreditu ghalihom;

*Omissis;*

Bejn il-kontendenti ma hemmx kontestazzjoni fuq il-fatti esposti fit-tahrika; izda l-*imharrkin jippretendu* li ma ghandhomx ihallsu l-alimenti mitluba mill-attur, sew ghaliex ghal dawk ta' l-inghoddi l-attur ma ghandux dritt, sew ghax irrenti tal-komunjoni ta' l-akkwisti ma kienux bizzejjed ghallhlas tal-mantenument ta' l-attur;

Kwantu ghall-ewwel raguni, il-Qorti tosserva li l-principju ta' l-*inezigibilità tal-mantenimenr arretrat* mhux applikabili ghall-kaz meta l-kreditur ta' l-alimenti jkun ghamel li seta' minghajr ma rnexxielu, biex jithallas, ghax allura jkun wera li jridhom u mhux iken ittraskurahom billi tmantna mod iehor, izjed u izjed meta jkun ghamel id-dejn;

Kwantu ghar-raguni l-ohra, il-Qorti tirrileva li b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-28 ta' Mejju 1938, li rriformat is-sentenza ta' din il-Qorti, giet dikjarata mahlula x-xirka tal-ksib ta' l-attur u martu minn dak in nhar, u martu giet ordnata thallas £4 fix-xahar manteniment lill-attur sakemm tigi likwidata x-xirka ta'-ksib. F'dik is-sentenza ma jinghadx jekk dak il-mantenimen kellux jithallas mill-gid tax-xirka inkella mill-gid *partikulari tal-mara. Izda* l-Qorti ghandha tinterpreta dak l-ordni billi tiehu in konsiderazzjoni l-kwadru generali tal-kawza li fiha gie moghti dak il-provvediment. U tabilhaqq, dik il-kawza kienet ghamlitha l-mara ta' l-attur, u fiha talbet ix-xoljiment tax-xirka tal-ksib u s-separazzjoni personali b'certi effetti guridici. L-attur kien konvenut f'dik il-kawza, u ghalhekk ma kienx il-kaz li *jista' jirbah il-mantenimenr* minn ghand martu, ghax dan seta' jirbhu biss b'kawza "ad hoc". Infatti favur il mara biss il-ligi tipprovdi l-manteniment provvizorju f'kawza ta' separazzjoni personali. Ghaldaqstant il-

Qorti ta' l-Appell ma setgħetx tikkundanna lill-attriċi personalment, u minn ħwejjiġha, tħallas il-manteniment lill-żewġha t'dik il-kawża, mingħajr ma tkun iddeċidiet "ultra petita"; u mhux presumibbli li l-Qorti tiddeċidi "ultra petita". Il-provvediment mogħti mill-Qorti ta' l-Appell seta' biss jingħata leġittimament għall-ħlas tal-manteniment mill-ġid tax-xirka, peress li l-ġid likwidu tax-xirka kien, jekk mhux kollu, almenu fil-biċċa l-kbira f'idejn il-mara, li ħadet lura d-dota u l-parafernali;

U tabilħaqq, il-provvediment jinsab mogħti fil-kap tas-sentenza li bih l-imħarrek ġie meħlus mill-ħlas tal-manteniment lil martu, evidentement għax dina ma kellħiex bżonn, jew huwa ma kellux mezzi minfejn iħallas. Għaldaqstant huwa evidenti illi l-ħlas ta' l-£4 fix-xahar favur l-attur kellu jitħallas u jiġi prelevat mill-ġid tax-xirka tal-kisbi li kienet ġiet maħlula b'effett mit-28 ta' Mejju 1938. Il-ġid ta' dik ix-xirka ġie likwidat b'attiv nett ta' £351. 15. 9 b'sentenza ta' din il-Qorti ta' l-14 ta' April 1944, meta, skond is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fuq imsemmija, l-attur kien missu jieħu b'kollox bilanċ ta' £146. 10. 0 għall-manteniment arretrat, jiġifieri sal-14 ta' April 1944. Peress li dak il-bilanċ fil-likwidazzjoni tax-xirka ma ġie b'ebda mod, nofsu għandu jiġi imputat għas-sehem ta' l-attiv nett li ġie assenjat lill-attur mill-ġid tax-xirka. Għalhekk il-lum l-attur fadallu jieħu minn għand l-imħarrkin il-bilanċ biss, jiġifieri £73. 5. 0;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tilqa' t-talba limitatament għall-ammont ta' £73. 5. 0 biss, u tiċħadha għall kumplament;

L-ispejjeż ibatuhom nofs l-attur u nofs l-imħarrkin.

---